**12 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Spiro Spiteri

*versus*

Carmelo Dingli

**Bolli — Trasferiment ta' Karrozza — Art. 57 u 60 tal-Kap 68 — Att. nru. XVII tal-1951**

*Fin-nuqqas tal-formalità tal-iskrittura f'każ ta' trasferiment jew twellija ta' motor-car k'f definit fir-Regolamenti tat-Traffiku, dak it-trasferiment jew twellija ma jkunux jiswew bħala titolu f'kawża.*

*Għaldaqstant, jekk isir tpartit ta' karrozza ma' oħra, bil-ftehim*

*li wieħed mill-kompermutanti jżid lill-ieħor ekwiparazzjoni bi flus, u dan in-negozju jsir mingħajr skrittura, mhix ammissibbli f'kawża l-azzjoni ta' dak il-kompermutant li kellu jirċievi l-ekwiparazzjoni għall-ħlas tal-istess ekwiparazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jippremetti illi huwa u l-konvenut ftehmu jagħmlu tpartit ta' motor-cars bejniethom, billi huwa jagħti lill-konvenut motor-car "Ford Prefect" u l-konvenut jagħtieh motor-car "Morris Oxford" u jżidu wkoll is-somma ta' £105; u illi t-tpartit sar, u mis-somma li kellu jħallas il-konvenut ħallas biss l-ammont ta' £80 u fadallu jagħti bilanċ ta' £25, liema bilanċ qiegħed jirrifjuta li jħallas; jitlob illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti li jħallsu s-somma ta' £25, bilanċ ta' somma akbar fuq indikata u għar-raġunijiet fuq esposti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mid-dibattitu orali, il-kontendenti partu bejniethom żewġ motor-cars, billi l-attur biegħ lill-konvenut motor-car "Ford Prefect", u l-konvenut ta lill-attur "Morris Oxford" u kellu jagħtieh ukoll żieda ta' £105. L-attur jippretendi li minn din is-somma l-konvenut ħallsu £80 biss, u ma jridx jagħtieh il-£25 l-oħra; u għalhekk ġiet din il-kawża;

Illi mix-xhieda tal-konvenut, li ma ġietx kontraddetta mill-attur, jirriżulta li meta sar it-tpartit tal-motor-cars imsemmija ma sarux il-formalitajiet rikjesti mill-Ordinanza nru. VIII tal-1918; saret biss riċevuta, u in segwitu jidher li saret xi skrittura ta' transfer għall-finijiet biss li jirrigwardaw lill-Pulizija;

Illi, kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Ottubru 1955, in re "Aquilina vs. Cassar", skond id-dispożiz-

zjoni tal-art. 57 u 60 tal-Ordinanza numru VIII tal-1918 (Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll, Kap. 68), kif emendata bl-Att nru. XVIII tal-1951, fin-nuqqas tal-formalità taliskrittura f'każ ta' trasferiment jew twellija ta' motor-car kif definit fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 106), dak it-trasferiment jew twellija ma jkunx jiswa bħala titolu f'kawża;

Illi t-titolu tal-azzjoni f'din il-kawża hu li l-motor-car "Ford Prefect" ġie trasferit bi tpartit mill-attur lill-konvenut; liema trasferiment, però, kif ingħad, ma jirriżultax li sar bil-formalità li trid il-liġi kif fuq imsemmi, u għalhekk l-istess trasferiment, skond il-liġi msemmija, li bħala liġi fiskali għandha tiġi nterpretata letteralment, ma jistax iservi bħala titolu ta' azzjoni; b'mod li l-istess azzjoni mhix ammissibbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, billi tiddikjara li l-azzjoni tal-attur ma hix ammissibbli, u għalhekk tirrespinġi t-talba dedotta minnu fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra tiegħu.